# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 5 ta' Gunju tas-sena 2001.**

**Numru 5**

**Avviz numru 326/01/SM**

**Mirage Holdings Limited**

**vs**

**Charles Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma komplessiva ta' erba' mija u tlettax-il lira Maltin (LM413) minnu dovuta in kwantu ghas-somma ta' tlett mija u hamsa u disghin lira Maltin (LM395) bhala import ta' tlett (3) kambjali annessi u mmarkati Dokumenti 1, 2, 3, u li d-data tal-maturita` taghhom skadiet, u in kwantu ghas-somma ta' tmintax-il lira Maltin (LM18) bhala imghaxijiet legali dovuti mid-data ta' l-iskadenza taghhom sad-data tal-prezentata tal-avviz fuq dan l-ammont;**

**Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet ulterjuri mid-data tal-prezentata sad-data ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (Art 698 (2) u 702 Proc Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fid-29 ta' Mejju tas-sena 2001 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**